

DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-22 ta' April 2008

**dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-baġit ġeneralji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006,
Taqsima III – il-Kummissjoni**

(2009/190/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġeneralji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2006 – Volum I (SEC(2007) 1056 – C6-0390/2007, SEC(2007) 1055 – C6-0362/2007)⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar is-segwitu tad-deċiżjonijiet ta' kwittanza tal-2005 (COM(2007) 538, COM(2007) 537), u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni – Anness għar-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar is-segwitu għall-proċedura ta' kwittanza tal-2005 (SEC(2007) 1185, SEC(2007) 1186),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata “Riżultati tal-Politika fl-2006” (COM(2007) 67),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata “Sintesi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2006” (COM(2007) 274),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifikasi interni li saru fl-2006 (COM(2007) 280), u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni maħruġ mar-rapport annwali lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-verifikasi interni li saru fl-2006 (SEC(2007) 708),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar ir-risposti tal-Istati Membri dwar ir-Rapport Annwali 2005 tal-Qorti tal-Awdituri (COM(2007) 118),
- wara li kkunsidra l-Green Paper dwar l-Inizjattiva Ewropea favur it-Trasparenza adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2006 (COM(2006) 194),
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-mudell ta' “verifika waħda” (u proposta għal qafas Komunitarju ta' kontroll intern)⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-roadmap għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2005) 252),
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2006) 9), ir-rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-progress tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas integrat tal-kontroll intern (COM(2007) 86), u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni maħruġ ma' dak ir-rapport (SEC(2007) 311),
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 6/2007 tal-Qorti tal-Awdituri dwar it-taqṣiriet annwali tal-Istati Membri, id-dikjarazzjonijiet nazzjonali’ tal-Istati Membri u x-xogħol tal-verifika fuq il-fondi tal-UE mill-korpi nazzjonali tal-verifika⁽⁴⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 78, 15.3.2006.

⁽²⁾ ĠU C 274, 15.11.2007, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 216, 14.9.2007, p. 3.

- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni biex jissaħħaħ l-irwol superviżorju tal-Kummissjoni fi tmexxija konġunta ta' azzjonijiet strutturali (COM(2008) 97),
 - wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas ta' kontroll intern integrat(COM(2008) 110), u d-dokument ta' ħidma tal-personal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport (SEC(2008) 259),
 - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mat-tweġibet tal-istituzzjonijiet (⁽¹⁾) u r-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legħalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, mogħtija mill-Qorti tal-Awdituri skond l-Artikolu 248 tat-Trattat KE (⁽²⁾),
 - wara li kkunsidra r-rakkmandazzjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2008 (5842/2008 – C6-0082/2008) u 5855/2008 – C6-0083/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat KE kif ukoll l-Artikoli 179a u 180b tat-Trattat Euratom,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (⁽³⁾), u b'mod partikulari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistipula l-istatut għall-aġenziji eżekkutti li se jkunu fdati b'ċerti hidmi li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija tal-programmi Komunitarji (⁽⁴⁾), u b'mod partikulari l-Artikolu 14(2) u (3) tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 70 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-kumitat interessati l-oħra (A6-0109/2008),
- A. billi skond l-Artikolu 275 tat-Trattat KE l-Kummissjoni hija responsabbli għat-tfassil tal-kontijiet,
1. Japrova l-għeluq tal-kontijiet tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħi biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, u lill-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali ta' verifika tal-Istati Membri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Hans-Gert PÖTTERING

Is-Segretarju ġeneralis

Harald RØMER

(¹) ĠU C 273, 15.11.2007, p. 1.

(²) ĠU C 274, 15.11.2007, p. 130.

(³) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(⁴) ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.